DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/12

tas-17 ta' Diċembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-determinazzjoni tal-merkanzija mhux f'riskju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ([1]) fit-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) L-Artikolu 166 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") biex jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li jipprevedi l-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(3) L-Artikolu 5(1) tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni tad-dazji doganali applikabbli fil-liġi tal-Unjoni għal merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq li titqies f'riskju li sussegwentement tiddaħħal fl-Unjoni. Il-merkanzija li ma tkunx f'riskju jew ma tkunx soġġetta għad-dazji doganali jew inkella tkun soġġetta għad-dazji doganali applikabbli fir-Renju Unit.

(4) Skont l-Artikolu 5(2) tal-Protokoll, il-merkanzija kollha li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq titqies li tkun f'riskju li sussegwentement tiġi trasferita fl-Unjoni. Sabiex il-merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq titqies "mhux f'riskju" f'dan is-sens, jeħtieġ li jiġi stabbilit li dik il-merkanzija mhux ser tkun soġġetta għall-ipproċessar kummerċjali hemmhekk u li tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

(5) Jenħtieġ li l-kriterji biex il-merkanzija ma tkunx soġġetta għall-ipproċessar kummerċjali jirrispettaw il-fatt li, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll, l-Irlanda ta' Fuq hija parti mit-territorju doganali tar-Renju Unit. Għandhom jirriflettu wkoll l-impenn tal-Partijiet għall-Protokoll li l-implimentazzjoni tal-Protokoll jenħtieġ li jkollha l-inqas impatt possibbli fuq il-ħajja ta' kuljum tal-komunitajiet kemm fl-Irlanda kif ukoll fl-Irlanda ta' Fuq.

(6) Il-merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq tista' titqies li mhijiex f'riskju li sussegwentement tiġi trasferita lejn l-Unjoni fejn id-differenza fit-tariffi tkun żero, jew fejn ikun żgurat mod ieħor li ma hemm l-ebda inċentiv għall-operaturi ekonomiċi biex jittrasportaw merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biss minħabba fit-tariffa doganali applikabbli.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tad-determinazzjoni tal-merakanzija mhux f'riskju għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
S. SCHULZE

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' ...

dwar id-determinazzjoni tal-merkanzija mhux f'riskju

IL-KUMITAT KONĠUNT

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") dwar:

(a) il-kundizzjonijiet biex jitqies li merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-Unjoni ma tkunx soġġetta għall-ipproċessar kummerċjali fl-Irlanda ta' Fuq;

(b) il-kriterji biex jitqies li merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-Unjoni ma tkunx f'riskju li sussegwentement tiġi trasferita fl-Unjoni.

Artikolu 2

Ipproċessar mhux kummerċjali

Merkanzija ma għandhiex titqies li hija soġġetta għall-ipproċessar kummerċjali meta:

(a) il-persuna li tippreżenta dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera dwar dik il-merkanzija jew li tali dikjarazzjoni ssir f'isimha ("l-importatur") kellha fatturat annwali totali ta' anqas minn GBP 500 000 fl-aħħar sena finanzjarja kompluta tagħha; jew

(b) l-ipproċessar isir fl-Irlanda ta' Fuq u huwa għall-iskop uniku ta':

(i) il-bejgħ ta' ikel lil konsumatur aħħari fir-Renju Unit;

(ii) kostruzzjoni, fejn il-merkanzija pproċessata tifforma parti permanenti minn struttura mibnija u li tkun tinsab fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur;

(iii) għoti dirett lir-riċevitur ta' servizzi tas-saħħa jew tal-kura mill-importatur fl-Irlanda ta' Fuq;

(iv) attivitajiet mingħajr skop ta' qligħ fl-Irlanda ta' Fuq, meta ma jkun hemm l-ebda bejgħ sussegwenti tal-merkanzija pproċessata mill-importatur; jew

(v) l-użu finali tal-għalf tal-annimali f'post fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur.

Artikolu 3

Kriterji biex jitqies li l-merkanzija ma tkunx f'riskju li sussegwentement tiġi trasferita fl-Unjoni

1. Għandu jitqies li merkanzija ma tkunx f'riskju li sussegwentement tiġi trasferita fl-Unjoni meta din ma tkunx ikkunsidrata li tkun soġġetta għall-ipproċessar kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2, u meta:

(a) fil-każ ta' merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit permezz ta' trasport dirett,

(i) id-dazju pagabbli skont it-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni jkun żero, jew

(ii) l-importatur ikun ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikoli 5 sa 7 ta' din id-Deċiżjoni biex idaħħal dik il-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biex tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin fir-Renju Unit jew għall-użu finali minnhom, inkluż meta dik il-merkanzijakienet soġġetta għal proċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2 qabel tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin jew għall-użu finali minnhom;

(b) fil-każ ta' merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett għajr mill-Unjoni jew minn parti oħra tar-Renju Unit,

(i) id-dazju pagabbli skont it-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni jkun daqs jew inqas mid-dazju pagabbli skont it-tariffa doganali tar-Renju Unit, jew

(ii) l-importatur ikun ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikoli 5 sa 7 ta' din id-Deċiżjoni biex idaħħal dik il-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biex tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin fl-Irlanda ta' Fuq jew għall-użu finali tagħhom (inkluż meta dik il-merkanzija kienet soġġetta għal proċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2 qabel tinbiegħ lill-konsumturi aħħarin jew għall-użu finali tagħhom), u d-differenza bejn id-dazju pagabbli skont it-tariffa doganali tar-Renju Unit ikun inqas minn 3 % tal-valur doganali tal-merkanzija.

2. Il-paragrafi 1(a)(ii) u 1(b)(ii) ma għandhomx japplikaw għall-merkanzija soġġetta għal miżuri ta' difiża tal-kummerċ adottati mill-Unjoni.

Artikolu 4

Kalkolu tad-dazji applikabbli

Għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u 3(1)(b), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) id-dazju pagabbli skont it-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni fuq merkanzija għandu jiġi kkalkulat skont ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni;

(b) id-dazju pagabbli skont it-tariffa doganali tar-Renju Unit fuq merkanzija għandu jiġi kkalkulat skont ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali tar-Renju Unit.

Artikolu 5

Awtorizzazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u 3(1)(b)(ii), applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tiddaħħal merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett għall-bejgħ lill-konsumaturi aħħarin jew għall-użu finali minnhom għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit.

2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-applikant, dwar il-merkanzija li tipikament tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll deskrizzjoni tat-tip ta' rekords, sistemi u kontrolli stabbiliti mill-applikant biex jiġi żgurat li l-merkanzija koperta mill-awtorizzazzjoni tiġi ddikjarata kif suppost għal finijiet doganali u tista' tiġi pprovduta evidenza bħala appoġġ għall-impenn fl-Artikolu 6(b). Il-kummerċjant għandu jżomm l-evidenza, eż. fatturi, għall-aħħar ħames snin u għandu jipprovdiha lill-awtoritajiet kompetenti jekk jitolbuh jagħmel dan. Ir-rekwiżiti tad-*data* tal-applikazzjoni huma stipulati fid-dettall fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tindika mill-inqas dan li ġej:

(a) isem il-persuna li ngħatatilha l-awtorizzazzjoni ("id-detentur tal-awtorizzazzjoni");

(b) numru ta' referenza uniku attribwit mill-awtorità doganali kompetenti għad-deċiżjoni ("numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni");

(c) l-awtorità li tat l-awtorizzazzjoni;

(d) id-data tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni dwar deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, inkluż fir-rigward tal-monitoraġġ.

5. F'każijiet fejn l-awtorità doganali kompetenti tar-Renju Unit tosserva użu ħażin intenzjonat ta' awtorizzazzjoni jew ksur tal-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, l-awtorità għandha tissospendi jew tirrevoka l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet ġenerali għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni

Għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u 3(1)(b)(ii), tista' tingħata awtorizzazzjoni lill-applikanti li:

(a) jissodisfaw il-kriterji ta' stabbiliment li ġejjin:

(i) ikunu stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq jew ikollhom post fiss ta' negozju fl-Irlanda ta' Fuq

— fejn ikun hemm preżenza permanenti ta' riżorsi umani u tekniċi; u

— li minnu l-merkanzija tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin jew tiġi pprovduta għall-użu finali minnhom; u

— fejn informazzjoni u rekords doganali, kummerċjali u dwar it-trasport ikunu disponibbli jew aċċessibbli fl-Irlanda ta' Fuq, u

(ii) fil-każ li ma jkunux stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, l-operazzjonijiet tagħhom relatati mad-dwana jitwettqu fir-Renju Unit u jkollhom rappreżentant doganali indirett fl-Irlanda ta' Fuq;

(b) jimpenjaw ruħhom li jdaħħlu merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biss għall-bejgħ lill-konsumaturi aħħarin jew għall-użu aħħari minnhom, inkluż fejn dik il-merkanzija kienet soġġetta għal ipproċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2 qabel il-bejgħ lill-konsumaturi aħħarin jew l-użu finali minnhom; u, fil-każ ta' bejgħ lill-konsumaturi aħħarin fl-Irlanda ta' Fuq, jimpenjaw ruħhom li l-bejgħ ser isir minn ħanut fiżiku jew aktar fl-Irlanda ta' Fuq li minnu jsir il-bejgħ dirett fiżiku lill-konsumaturi aħħarin.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u 3(1)(b)(ii), tingħata awtorizzazzjoni biex tiddaħħal merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biss lill-applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 kif ukoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant jiddikjara li ser jiddikjara għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera merkanzija mdaħħla fl-Irlanda ta' Fuq skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) jew 3(1)(b)(ii);

(b) l-applikant ma jista' jkun wettaq l-ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u r-regoli fiskali, u ma jista' jkollu l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;

(c) fir-rigward ta' merkanzija li trid tiġi ddikjarata bħala mhux f'riskju, l-applikant għandu juri li għandu livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni ta' rekords kummerċjali u, fejn xieraq, rekords tat-trasport, li jippermettu kontrolli xierqa u l-għoti ta' evidenza bħala sostenn għall-impenn fl-Artikolu 6(b).

2. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss jekk l-awtorità doganali tqis li ser tkun tista' twettaq kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat, inkluż il-kontroll ta' kwalunkwe evidenza li l-merkanzija nbiegħet lil konsumaturi aħħarin jew kienet soġġetta għall-użu finali minnhom.

3. Matul il-perjodu li jintemm xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, tista' tingħata awtorizzazzjoni fuq bażi proviżorja jekk l-applikant ikun ippreżenta applikazzjoni kompluta, ikun konformi mal-paragrafu 1(b), u jiddikjara li jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra għall-awtorizzazzjoni. It-tul tal-awtorizzazzjoni proviżorja għandu jkun limitat għal erba' xhur, wara liema perjodu trid tkun ngħatat awtorizzazzjoni permanenti biex il-kummerċjant jibqa' awtorizzat.

Artikolu 8

Skambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Protokoll

1. Mingħajr preġudizzji għall-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll, moqri flimkien mar-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ta' kull xahar, ir-Renju Unit għandu jipprovdi informazzjoni lill-Unjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Protokoll kif ukoll ta' din id-Deċiżjoni. Din l-informazzjoni għandha tinkludi volumi u valuri, f'forma aggregata u għal kull kunsinna, kif ukoll mezzi ta' trasport, relatati ma':

(a) merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq li b'rabta magħha ma kien hemm l-ebda ħlas ta' dazji doganali f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll;

(b) merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq li fir-rigward tagħha d-dazji doganali pagabbli kienu dawk applikabbli fir-Renju Unit f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll; u

(c) merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq li fir-rigward tagħha d-dazji doganali pagabbli kienu f'konformità mat-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni.

2. Ir-Renju Unit għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fil-15-il jum tax-xogħol tax-xahar wara dak li għalih tkun qed tiġi pprovduta l-informazzjoni.

3. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data*.

4. Fuq talba tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fi {daħħal referenza għad-deċiżjoni tal-KK dwar il-preżenza tal-Unjoni} u mill-inqas darbtejn fis-sena, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jipprovdu informazzjoni f'forma aggregata u għal kull awtorizzazzjoni lil dawn ir-rappreżentanti dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 5 sa 7, inkluż l-għadd tal-awtorizzazzjonijiet aċċettati, miċħuda u revokati.

5. It-trasferiment regolari tal-informazzjoni msemmi hawn fuq għandu jibda mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-15 ta' April 2021. L-ewwel trasferiment ta' informazzjoni għandu jkopri l-informazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem ix-xahar qabel it-trasferiment.

Artikolu 9

Rieżami u terminazzjoni

Jekk waħda mill-Partijiet tqis li jkun hemm devjazzjoni sinifikanti tat-traffiku kummerċjali, jew frodi jew attivitajiet illegali oħra, dik il-Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra fil-Kumitat Konġunt sal-1 ta' Awwissu 2023, u l-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex isibu soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti għall-kwistjoni. Jekk il-Partijiet ma jsibux deċiżjoni reċiprokament sodisfaċenti, l-Artikoli 3(1)(a)(ii), 3(1)(b)(ii) u 5 sa 8 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jieqfu japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2024, sakemm il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix qabel l-1 ta' April 2024 li jkompli l-applikazzjoni tagħhom.

Fil-każ li l-Artikoli 3(1)(a)(ii), 3(1)(b)(ii) u 5 sa 8 ta' din id-Deċiżjoni jieqfu japplikaw f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-Kumitat Konġunt għandu jemenda din id-Deċiżjoni sal-1 ta' Awwissu 2024 biex jagħmel dispożizzjonijiet alternattivi xierqa applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2024, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Irlanda ta' Fuq u b'rispett sħiħ tal-post tal-Irlanda ta' Fuq fit-territorju doganali tar-Renju Unit.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 (ĠU L102, 7.4.2004, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23).

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kopresidenti

ANNESS

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tiddaħħal merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq għall-konsumaturi aħħarin (imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni)

Informazzjoni tal-applikazzjoni

1. Dokumenti ta' prova

   Dokumenti ta' prova u informazzjoni mandatorji li għandhom jiġu pprovduti mill-applikanti kollha:

   Dokument ta' stabbiliment/prova ta' stabbiliment permanenti tan-negozju

2. Dokumenti ta' prova u informazzjoni oħrajn li għandhom jiġu pprovduti mill-applikanti:

   Kwalunkwe dokument ieħor ta' sostenn jew informazzjoni li titqies rilevanti għall-verifika tal-konformità tal-applikant mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni.

   Aġħti informazzjoni dwar it-tip u, jekk applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni u/jew id-data tal-ħruġ tad-dokument (i) ta' prova mehmuż(a) mal-applikazzjoni. Indika wkoll l-għadd totali ta' dokumenti mehmuża.

3. Data u firma tal-applikant

   L-applikazzjonijiet li jsiru bl-użu ta' tekniċi elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data* għandhom jiġu awtentikati mill-persuna li tippreżenta l-applikazzjoni.

   Data li fiha l-applikant ikun iffirma jew awtentika b'mod ieħor l-applikazzjoni.

   Dettalji tal-applikant

4. Applikant

   L-applikant huwa l-persuna li tapplika għand l-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni.

   Daħħal l-isem u l-indirizz tal-persuna kkonċernata.

5. Numru tal-identifikazzjoni tal-applikant

   L-applikant huwa l-persuna li tapplika għand l-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni.

   Daħħal in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (in-numru EORI) tal-persuna kkonċernata, kif previst fl-Artikolu 1(18) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([1]).

6. L-istatus legali tal-applikant

   L-istatus legali kif imsemmi fid-dokument ta' stabbiliment.

7. Numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT

   Meta jkun assenjat, daħħal in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

8. Attivitajiet kummerċjali

   Daħħal informazzjoni dwar l-attività kummerċjali tal-applikant. Iddeskrivi fil-qosor l-attività kummerċjali tiegħek u għid x'inhu r-rwol tiegħek fil-katina ta' provvista (eż. manifattur tal-prodotti, importatur, bejjiegħ bl-imnut, eċċ.) Iddeskrivi:

   — l-użu maħsub tal-merkanzija importata, inkluża deskrizzjoni tat-tip ta' merkanzija u jekk jgħaddux minn xi tip ta' proċessar.

   — stima tal-għadd ta' dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għall-merkanzija kkonċernata li għandha ssir kull sena.

   — it-tip ta' rekords, sistemi u kontrolli stabbiliti biex jappoġġjaw l-impenn fl-Artikolu 6(b).

9. Fatturat Annwali

   Għall-finijiet tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, daħħal il-fatturat annwali għas-sena finanzjarja sħiħa l-aktar reċenti. Jekk negozju stabbilit ġdid jipprovdi tali rekords u informazzjoni kif rilevanti biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-fatturat antiċipat eż. l-aħħar previżjonijiet tal-fluss tal-flus, tal-karta tal-bilanċ u tal-profitt u t-telf, approvat mid-diretturi/sħab/proprjetarju uniku.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

10. Il-persuna ta' kuntatt responsabbli għall-applikazzjoni

    Il-persuna ta' kuntatt għandha tkun responsabbli biex iżżomm kuntatt mad-dwana rigward l-applikazzjoni.

    Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: numru tat-telefon, indirizz tal-posta elettronika (preferibbilment ta' indirizz funzjonali)

11. Persuna responsabbli għall-kumpanija applikanti jew li teżerċita kontroll fuq il-ġestjoni tagħha

    Għall-finijiet tal-Artikolu 7(b) tad-Deċiżjoni, daħħal l-isem/ismijiet u d-dettalji sħaħ tal-persuna/i kkonċernata/i skont l-istabbiliment/forma legali tal-kumpanija applikanti, b'mod partikolari: id-direttur/maniġer tal-kumpanija u d-diretturi tal-bord jekk ikun hemm. Id-dettalji jenħtieġ li jinkludu: l-isem u l-indirizz sħaħ, id-data tat-twelid u n-Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali.

    Dati, żminijiet, perjodi u postijiet

12. Data tal-istabbiliment

    B'numri – il-jum, ix-xahar u s-sena ta' stabbiliment.

13. Indirizz tal-istabbiliment/indirizz tar-residenza

    Indirizz sħiħ tal-post fejn il-persuna hija stabbilita/tirrisjedi, inkluż l-identifikatur tal-pajjiż jew territorju.

14. Post fejn jinżammu r-rekords

    Daħħal l-indirizz sħiħ tal-post(ijiet) fejn jinżammu jew fejn ikun maħsub li jinżammu r-rekords tal-applikant. Il-UN/LOCODE jista' jissostitwixxi l-indirizz, jekk jagħti identifikazzjoni ċara tal-post ikkonċernat.

15. Post(ijiet) ta' ipproċessar jew ta' użu

    Indika l-indirizz tal-post(ijiet) fejn ser tiġi pproċessata l-merkanzija, fejn applikabbli, u mibjugħa lill-konsumaturi aħħarin.